PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
16 ta' Ottubru, 2022

# VOKAZZJONI GĦAL QASSIS

Dun Bosco kien jgħid li l-ikbar rigal li Alla jista' jagħti lill-familja huwa tifel saċerdot. U ma hemm l-ebda rigal ikbar minn tifel saċerdot li familja tista' tagħti lil Alla.



F'dawn il-ġranet, is-Seminarju ta' Qalb ta' Ġesù reġa' fetaħ il-bibien tiegħu biex jerġa' jilqa' lil dak il-grupp ta' żgħażagħ li qed jagħmlu l-mixja għas-saċerdozju. Ejjew insostnuhom bit-talb tagħna. Il-knisja stess tgħidilna li "il-fidili huma korresponsabbli filli jitolbu għall-vokazzjonijiet presbiterali, li jilqgħuhom u jakkumpanjawhom". (can. 233)

It-tfal huma t'Alla, mislufin lill-ġenituri biex dawn tal-aħħar jgħinuhom iwettqu l-proġett li Alla ħejja għalihom. Kif kiteb Gibran Kahlil fil-ktieb tiegħu *The Prophet*, *"Uliedkom mhumiex it-tfal tagħkom. Dak li jispara l-qaws hu l-Mulej. Il-qaws huma l-ġenituri. It-tfal huma l-vleġeġ li għandhom jaslu fejn iridhom jaslu dak li jħaddem il-qaws."*

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**
Dawk li kienu jwasslu t-tqarbin lil tal-familja jew lil xi persuni oħra matul iż-żmien tal-pandemija, għandhom jieqfu milli jkomplu b'dan il-ministeru, sabiex jagħmlu l-kors ta' formazzjoni li qed jiġi organizzat mid-Djoċesi tagħna. Fl-Uffiċċju Parrokkjali tistgħu takkwistaw formoli għall-korsijiet ta' ministru tat-tqarbin, għall-kors ta' aġġornament tal-letturi u kors ieħor dwar l-użu tal-fjuri fil-Liturġija tal-Knisja. Dawk li diġà mlew il-formola m'għandhomx jagħtu kas ta' dan l-avviż.
Tistgħu tapplikaw għal dawn il-korsijiet sa nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru.

**SERVIZZ ĠDID TA' QRAR:** minn nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru se jibda jkollna servizz ta' qrar f'kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Dun Anton Schembri jkun preżenti għall-qrar fil-knisja mis-7:00am sad-9:30am.

**ĠABRA GĦALL-MISSJONI:** fi tmiem din il-ġimgħa li qegħdin fiha, qed jitqassmu l-envelopes għall-ġabra tal-missjoni. Se jkun hemm persuni apposta biex jiġbruhom bieb bieb. Fil-każ li jgħaddu ż-żelaturi u ma jsibukomx id-dar, tistgħu titfgħu l-offerta tagħkom f'envelope mal-ferta tal-knisja.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru. Tkun fil-knisja u tibda fis-5:45pm. Fiha Orietta Azzopardi, minn Għajnsielem, ser taqsam magħna l-konoxxenza tagħha ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru se torganizza ħarġa għall-Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat. Wara jkun hemm waqfa għall-kafè. Min hu interessat għandu jibbukkja billi jċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru fi Triq it-Tramuntana, quddiem l-istatwa tal-Madonna. Jibda fil-5:30pm. Inħeġġu lill-pubbliku biex jattendi bi ħġaru.

**Sempreviva**
F'dawn l-aħħar snin sar studju speċjali fuq is-sempreviva t'Għawdex, fil-laboratorju tal-Mikropropagazzjoni tal-Pjanti li jinsab f'Ħal Lija. Nibżgħu għall-ħolqien li Alla fdalna f'idejna.



**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am